MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Numru. 880/2009

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Douglas Briffa, iben Joseph, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ Diċembru, 1990

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fid-29 ta’ Lulju, 2009 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-Qorti hi mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti hi mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------